18 ta' Novembru, 1964

Imħallef:

Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.

Reverendu Maurice Grech noe.

*versus*

Spiridione Farrugia noe

**Requisition order — Inkwilin — Rikonoxximent — "Hardship"**

*Illi, f'materja ta' rikonoxximent ta' persuna akkomodata f'fond rekwiżizzjonal, il-"harship" illi sid il-fond rekwiżizzjonal għandu jipprova jrid ikun "hardship" direttament derivanti mill- u attribwibbli lill-okkupazzjoni tal-fond u r-rikonoxximent forzat tal-persuna akkomodata.*

Il-Qorti, rat ir-rikors tar-Reverendu Maurice Grech fil-kapaċità tiegħu ta' amministratur tal-jus patronat ta' San Ġorġ Wardija li bih talab, relativament għar-requisition order Nru. 21315 tat-13 ta' Frar, 1963 dwar il-fond bla numru fi Triq San Ġorġ, Wardija, u l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru, 1963, biex jirrikonoxxi lil Joseph Aquilina bħala inkwilin, li jiġi awtorizzat biex ma jogqgħodx għall-interpellazzjoni tal-intimat nomine u dana in vista ta' "hardship" skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Housing Act;

Rat ir-risposta tal-intimat nomine li qal li anke jekk l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors huma veri, dawn ma jikkostitwux raġuni biżżejjed a termini tal-imsemmija dispożizzjoni-

jiet biex ikun ta' ostakolu għar-rikonoxximent;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 1964, fejn ir-rikorrent iddikjara li ma jinsistix għal "hardship" derivanti mill-piż ta' quddies;

Omissis.

Peress illi l-unika "grounds" ta' "hardship" wara d-dikjarazzjoni fuq imsemmija, li jibqa' għal konsiderazzjoni tal-Qorti hija li l-Ministeru kompetenti ma mexiex fl-imsemmija rekwiżizzjoni, skond il-"policy" dikjarata f'żewġ "Press Releases" esibiti a fol. 16 u 18.

Peress illi l-"hardship" li r-rikorrent għandu jipprova biex jottieni eżitu favorevoli għar-rikors tiegħu jrid ikun "hardship" direttament derivanti mill- u attribwibbli lill-okkupazzjoni tal-fond u r-rikonoxximent forzat tal-persuna akkomodata, mentri xejn minn dan mhu iżjed qed jallega r-rikorrent;

Peress illi d-dispożizzjoni li qed jinvoka r-rikorrent mhix intiża bħala rimedju biex jiġi ġudizzjarjament sindakat l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni esekutiva mill-awtorità amministrativa kompetenti, li għalih hemm rimedji w azzjonijiet oħrajn jekk ir-rikorrent jidhirlu li għandu jeżerċitahom jekk qatt, fid-dawl ta' dak li rriżulta fil-proċess, tista' tiġi formulata l-ipotesi li fil-fatt l-awtorità kompetenti kienet b'xi mod intrabtet, bl-imsemmija Press Release, li irrinunzja għall-poter tagħha li tal-loka fondi rekwiżizzjonati lil min hi stess, fid-dikjarazzjoni tagħha, jidhrilha li huwa l-aħjar fl-interess pubbliku affidat lil dik l-awtorità;

Tirrespinġi t-talba kontenuta fir-rikors bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, riservat kwalunkwe dritt u rimedju ieħor lilu kompetenti skond il-liġi.